# Il-Ħadd 30.08.2015

1. **<u>Illum 30/08 - JUM IL-FESTA</u>**
   Naturalment nawgura l-festa t-tajba lil kulħadd. Ippermettuli ħsiebi jmur ukoll llum għal dawk li għandhom xi familjari morda kemm fid-djar u kemm fl-isptarijiet, fl-emigranti, u f'dawk li huma l-ħabs. Wasslu t-tislijiet tiegħi lil dawn ħutna kollha, u lill-familjari tagħhom.

   Fis-6:30am Quddiesa ċċelebrata minn Dun Karm Camilleri.
   Fit-7:45am Quddiesa ċċelebrata minn Dun John Muscat.
   Fid-9:00am Quddiesa Solenni kkonċelebrata ta' Jum il-Festa mmexxija minn Mons. Vinċenz Deguara, Kanonku tal-Kapitlu tal-Katidral ta' Malta. Jinseġ il-Paniġierku l-Kan. Joe Cilia, Kappillan ta' Ħal Lija, u ex-Kappillan f'din il-Parroċċa (2006-2011).
   Fis-6:00pm Quddiesa ċċelebrata mill-Kappillan Dun David Farrugia, qabel il-purċissjoni.
   Fis-7:15pm Tibda l-Purċissjoni bl-istatwa titulari tal-Appostlu Missierna San Pawl. Imexxi l-Kan. Louis Suban, Kanonku Arċipriet tal-Kolleġġjata ta' San Pawl, Rabat.
   Fl-10:30pm Ninġabru fuq iz-zuntier, tinħaraq il-kaxxa infernali, u nilqgħu l-istatwa ta' San Pawl lura fil-knisja. Fid-dħul tagħha, titkanta l-Antifona u tingħata l-Barka Sagramentali. Iċ-Ċelebrazzjonijiet jintemmu bl-Innu ta' San Pawl u bil-bews tar-Relikwa.

   - Infakkarkom:
     - fil-***bukkett li ma jinxifx***, kif tistgħu taraw fuq noticeboard apposta, jiġifieri li minflokk fjuri tingħata offerta li din is-sena ser tmur b'risq ir-restawr ta' San Pawl.
     - li matul il-purċissjoni m'għandhux jinħaraq logħob tan-nar u lanqas jintefgħu karti, biex nevitaw kull periklu u ħsara kemm għan-nies u kemm għall-istatwa u l-pedestall. Nużaw l-għaqal u l-galbu!
   - Flimkien mal-Banda San Pawl, bħala parroċċa ħsibna wkoll biex nipproduċu tifkira xierqa ta' din il-festa, bil-produzzjoni ta' double DVD li ser ikun fih iċ-ċelebrazzjonijiet prinċipali ta' din il-festa flimkien ma' aspetti differenti dwar il-proċess tar-restawr. Il-prezz ser ikun € 15 u l-booking jista' jsir mill-Uffiċċju Parrokkjali jew mill-Każin.

2. It-Tnejn 31/08:
   - Ikollna bżonn ħafna għajnuna kemm fiż-żarmar u kemm fit-tindif tal-knisja. Napprezzaw ħafna dik id-daqqa t'id li tistgħu toffru.

3. Il-Ġimgħa 04/09, l-Ewwel Ġimgħa tax-xahar:
   - Filgħodu jsir it-Tqarbin tal-Morda fi djarhom.
   - Fis-5:45pm ikun hawn konfessur għall-Qrar.
   - Wara l-Quddiesa tas-6:30pm ikollna nofs siegħa Adorazzjoni.

4. Il-Ħamis 10/09:
   - Ser ikollna Ħarġa għal Għawdex. Biljetti mingħand il-helpers.

5. Matul din il-ġimgħa daħlu:
   - € 365 bħala ġabra b'risq il-Festa ta' San Pawl;
   - € 1275 bħala donazzjonijiet b'risq l-Arbural tal-Festa;
   - € 580 bħala donazzjonijiet għar-restawr tal-istatwa ta' San Pawl. Grazzi mill-qalb.